**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 87/11VG**

**Joseph Azzopardi**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 20 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Joseph Azzopardi fil-21 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema jitolb li a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li l-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif dedotti fil-konfront tieghu bl-Ittri Ufficjali bin-Numri ta' Referenza 599/11 u 600/11 entrambe datati 23 ta' Frar 2011, kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u li ghalhekk ma huwa minnu dovut l-ebda hlas kif pretiz fl-imsemmija zewg Ittri Ufficjali;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "JA1" sa' Dok. "JA5" a fol. 6 sa' 22 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) in linea preliminari, il-Qorti ma hijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-*quantum* tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qed jippretendi r-Rikorrent fir-Rikors promotur, liema sindikar jista' jsir *a tempo debito* skond il-procedura stipulata fil-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè tramite appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni fi zmien tletin (30) gurnata skond l-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta w appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-imsemmi Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent

huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni la qatt ircieva oggezzjoni tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111798 mahruga fil-konfront tieghu *qua* l-persuna li rceviet it-trasferiment u lanqas ircieva l-pagament tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797 mahruga fil-konfront tar-Rikorrent *qua* l-persuna li ttrasferiet il-proprjetà u konsegwentement ghalhekk meta skada t-terminu ghall-oggezzjoni mill-imsemmija Avvizi ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa, l-istess saru finali u konklussivi a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) bla pregudizzju ghall-premess, ir-Rikorrent ma jistax jippretendi li f'nifs wiehed jallega li hallas il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797, jigifieri accetta l-Likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, u fl-istess hin jallega li oggezzjona mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798; dawn iz-zewg argumenti flimkien ma humiex sostenibbli; (iv) konsegwentement ghalhekk, il-Likwidazzjonijiet finali u konklussivi ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq dokumenti u trasferimenti a tenur tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta huma gusti u skond il-Ligi u b'hekk dovuti mir-Rikorrent fl-intier taghhom;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "KTI1" sa' Dok. "KTI3" a fol. 32 sa' 37 tal-process;

Semghet ix-xhieda tan-Nutar Robert Micallef moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2011[1] u x-xhieda ta' Ivan Portelli, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Jannar 2012[2] u ta' l-10 ta' Dicembru 2012[3], semghet ix-xhieda ta' Antoinette Azzopardi moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012[4] u x-xhieda ta' Audrey Ghigo, in rapprezentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c., moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2012[5] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AG1" u Dok. "AG2" a fol. 57 u 58 tal-process, rat l-affidavit ta' Ivan Portelli markat Dok. "IP" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2012 a fol. 62 sa' 64 tal-process u semghet ix-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012[6];

Rat in-Nota tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) già Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fl-10 ta' Jannar 2013 a fol. 71 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

[1] Fol. 46 u 47 tal-process.
[2] Fol. 48A sa' 48D tal-process.
[3] Fol. 67 sa' 69 tal-process.
[4] Fol. 50 u 51 tal-process.
[5] Fol. 59 u 60 tal-process.
[6] Fol. 66 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

B'Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Frar 2011 bin-Numru 599/11[7], ir-Rikorrent gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex ihallas is-somma ta' €7,930.00 dovuta bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, skond Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798 realttiva ghat-trasferiment tal-fond Nru. 44, Triq Ghajn Rasul, Xemxija, San Pawl il-Bahar[8]. B'Ittra Ufficjali ohra mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll datata 23 ta' Frar 2011 bin-Numru 600/11[9], ir-Rikorrent gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex ihallas is-somma ta' €3,965.00 dovuta bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, skond Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797 relattiva ghat-trasferiment tal-fond Nru.44, Triq Ghajn Rasul, Xemxija, San Pawl il-Bahar[10].

Ir-Rikorrent jikkontesta l-interpellazzjonijiet ghall-hlas maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in forza ta' l-imsemmija Ittri Ufficjali u jitlob li il-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hekk avvanzati fil-konfront tieghu jigu dikjarati infondati fil-fatt u fid-dritt u li konsegwentement huwa ma ghandu jaghti xejn lill-istess Kummissarju ghaliex: (i) it-trasferiment meritu tal-Likwidazzjoni tat-Taxxa kien permuta li sehh in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion datat 27 ta' Mejju 2009, bejn ir-Rikorrent u wliedu (u kien hemm ukoll certa Celeste Vassallo li kellha sehem zghir mill-fond li gie trasferit) u l-konjugi Kevin u Frances Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili, fejn ir-Rikorrent u uliedu u din Celeste Vassallo ittrasferew a favur l-imsemmija konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili l-garage Nru. 42, qabel bin-Numru 43, bis-sottoswol tieghu izda minghajr l-arja, fi Triq Ghajn Razul, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, u l-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili ittrasferew a favur ir-Rikorrent u uliedu biss, in forza ta' l-istess att u b'titolu ta' tpartit, l-arja intiza ghall-appartament fl-ewwel sular f'blokka li kellha tinbenza fuq is-sit okkupat mill-garage Nru.42 u l-fond adjacenti bin-Nru.44; (ii) il-garage trasferit a favur il-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili gie gustament u validament ivvalutat ghall-ammont ta' €81,500 u l-arja a sua volta trasferita mill-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili a favur ir-Rikorrent u uliedu, ukoll giet gustament u validament ivvalutata ghall-ammont ta' €81,500; (iii) is-sehem attwatli tieghu mill-garage trasferit a favur il-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili kien ta' 7/16 indiviz bir-rimanenti sehem ta' 9/16 kien jappartjeni lill-hames uliedu in segwitu ghall-mewt ta' martu fl-2003, oltre s-sehem ta' Celeste Vassallo; (iii) fuq it-trasferiment gie kalkolat il-boll dovut bir-rata ta' 5% fuq il-valur gustament u validament determinat ta' €81,500 u thallset it-taxxa relattiva

[7] Dok. "JA1" a fol. 6 u 7 tal-process.
[8] Fol. 8 tal-process.
[9] Dok. "JA2" a fol. 11 u 12 tal-process.
[10] Fol. 13 tal-process.

mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt; (iv) l-appartament eventwalment trasferit lir-Rikorrent u uliedu kien fi stat gebel u saqaf u kien jikkonsisti f'main bedroom u single bedroom, it-tnejn ta' daqs piuttost zghir, b'open plan, ta' l-istess wisa' tal-garage bin-Nru.42, li jinkludi living/dining u kcina. Il-bitha ta' l-istess appartament hija soggetta ghal shaft li gej mill-garage sottopost ghall-appartament, bil-inkonvenjent ta' exhaust ta' vetturi ta' haddiehor ghad illi minimizzat permezz ta' aluminium shutters. Ma' l-appartament ir-Rikorrent u uliedu la ghandhom garage u lanqas car parking space; (v) fid-dawl ta' dawn il-karatteristici ta' l-appartament li gie trasferit lilhom fi stat ta' gebel u saqaf, il-valur dikjarat ta' €81,500 huwa valur gust u jirrapprezenta l-valur tal-proprjetà fuq is-suq hieles; (vi) meta l-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni acceda fil-blokka li minnha jifforma parti l-appartament tar-Rikorrent u uliedu, ghall-fini li jaghmel valutazzjoni tal-proprjetà trasferita lilhom huwa ma accediex gewwa l-appartament izda bbaza l-valutazzjoni tieghu fuq spezzjoni minn barra biss; (vii) konsegwentement il-valutazzjoni totali ta' €160,750, li minnha s-somma ta' €79,250 hija l-valur addizzjonali taxxabbli, hija kjarament eccessiva u ma tirriflettix il-valur fuq is-suq tal-proprjetà trasferita w effettivament ikkonsenjata lir-Rikorrent u uliedu; (viii) ladarba l-penali ta' €3,965 tirrizulta kemm fil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797 kif ukoll fil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111798, huwa evidenti li wahda mill-penali hekk imposta hija superfluwa in kwantu l-Likwidazzjoni ta' Taxxa jirreferu ghall-istess trasferiment; (ix) ciò nonostante biex jaqta' kull kwistjoni, ir-Rikorrent kien dispost ihallas il-penali ta' €3,965 skond kif ridotta a tenur ta' l-iskeda mal-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni, ossa ghall-valur ta' €396.50 u ghal tali skop ottjena *bank draft* mahrug mill-HSBC Bank Malta p.l.c. datat 16 ta' Dicembru 2009 ghall-valur ta' €396.50 bhala pagament a saldu tal-penali pretiza mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema *bank draft* inghata lin-Nutar Robert Micallef biex dan a sua volta jibghatu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (x) in kwantu rigwarda l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798, ir-Rikorrent oggezzjona minnha in kwantu ma kienx, u ghadu mhux, qed jaqbel mal-valutazzjoni maghmula mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Din l-oggezzjoni saret entro t-terminu ta' tletin (30) gurnata prefiss fil-Ligi tramite n-Nutar Robert Micallef permezz ta' ittra datata 17 ta' Dicembru 2009, izda din l-oggezzjoni baqghet mhux imwiegba da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) in linea preliminari, il-Qorti ma hijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-*quantum* tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qed jippretendi r-Rikorrent fir-Rikors promotur, liema sindikar jista' jsir *a tempo debito* skond il-procedura stipulata fil-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè tramite appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni fi zmien tletin (30) gurnata skond l-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta w appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-imsemmi Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent

huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni la qatt ircieva oggezzjoni tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111798 mahruga fil-konfront tieghu *qua* l-persuna li rceviet it-trasferiment u lanqas ircieva l-pagament tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797 mahruga fil-konfront tar-Rikorrent *qua* l-persuna li ttrasferiet il-proprjetà u konsegwentement ghalhekk meta skada t-terminu ghall-oggezzjoni mill-imsemmija Avvizi ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa, l-istess saru finali u konklussivi a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) bla pregudizzju ghall-premess, ir-Rikorrent ma jistax jippretendi li f'nifs wiehed jallega li hallas il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797, jigifieri accetta l-Likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, u fl-istess hin jallega li oggezzjona mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798; dawn iz-zewg argumenti flimkien ma humiex sostenibbli; (iv) konsegwentement ghalhekk, il-Likwidazzjonijiet finali u konklussivi ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq dokumenti u trasferimenti a tenur tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta huma gusti u skond il-Ligi u b'hekk dovuti mir-Rikorrent fl-intier taghhom.

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion datat 27 ta' Mejju 2009[11], ir-Rikorrent, uliedu u certa Celeste Vassallo ittrasferew a favur Kevin u Frances konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili b'titolu ta' permuta s-sehem indiviz ta' 323/324 u kwalunkwe u kull sehem u interess akbar li jista' jkollhom tal-garage minghajr l-arja tieghu izda flimkien mas-sottoswol tieghu bin-Numru 42 u 43, Triq Ghajn Razul, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, liema proprjetà giet ivvalutata ghall-prezz ta' €81,500. In kontrakambju l-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili ttrasferew a favur ir-Rikorrent u uliedu porzjon diviza ta' arja intiza ghall-bini ta' appartament fl-ewwel sular ta' blokk ta' appartamenti intiz li jinbena fuq is-sit okkupat mill-garage Nru. 42 u l-fond Nru.44, fi Triq Ghajn Razul, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, liema arja ghandha forma irregolari u testendi mill-livell ta' tmien filati u nofs 'l fuq mill-livell ta' l-imsemmija Triq Ghajn Razul sa' dsatax-il filata u nofs, li wkoll giet ivvaluata ghall-prezz ta' €81,500.

Wara li nghata avviz ta' din il-permuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-istess Kummissarju inkariga Perit ghall-fini li jaghtih stima tal-valur reali tal-proprjetà trasferita fiz-zmien tat-trasferiment. Fl-affidavit tieghu, Ivan Portelli, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, iddikjara li *skond l-artikolu 41 tal-Kap.364 kuntratt ta' permuta ghandu jitqies li jikkostitwixxi trasferiment wiehed u t-taxxa li tithallas fuq dak il-kuntratt ghandha tinhadem fuq l-oghla mill-valuri tal-hwejjeg li jigu trasferiti. Il-Perit imqabbad mid-Dipartiment, is-Sur Anthony Galea, wara li ghamel spezzjoni tal-post, iddikjara li l-valur reali tal-proprjetà trasferita fl-ewwel parti tal-kuntratt kien ta' €240,000 u l-valur reali tal-proprjetà trasferita fit-tieni parti tal-kuntratt kien ta' €100,000. B'hekk il-valur taxxabbli skond il-Kap.364 huwa l-ghola valur, ossja dak ta' mitejn u erbghin elf Euro*

[11] Dok. "JA3" a fol. 15 sa' 20 tal-process.

*(€240,000)*[12]. In segwitu ghall-istima tal-Perit Galea il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797[13] fil-konfront tar-Rikorrent ghall-hlas tas-somma ta' €3,965.00 bhala taxxa addizzjonali a tenur ta' l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798[14] dejjem fil-konfront tar-Rikorrent ghall-hlas tas-somma ta' €3,965.00 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €79,250 u tas-somma ulterjuri ta' €3,965.00 bhala taxxa addizzjonali, ghas-somma komplessiva ta' €7,930.00.

F'dan l-istadju l-Qorti se tissofferma ruhha fuq wahda mill-premessi avvanzati mir-Rikorrent fir-Rikors promotur u cioè *illi minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-kont IV111797 evidentement huwa wkoll referibbli ghal penali marbuta mal-boll, kif juri l-kalkolu ta' Eur 3965 rapprezentanti 5% tal-valur addizzjonali taxxabbli ta' Eur79,250, bl-istess penali tkun anke doppjament u cioè ghal darb' ohra inkorporata fil-kont IV111798 u ghalhekk jigi sottomess li <u>penali wahda f'xi kont minnhom zgur hija superfluwa u mahruga erronejament</u>[15], l-esponenti sabiex jaqta' kull kwistjoni mad-dipartiment kwantu ghall-penali ghadda l-pagament ta' Eur396.50 permezz ta' Bank Draft mahrug mill-HSBC Haz-Zebbug, numru 2354 datat 16 ta' Dicembru 2009, bhala hlas a saldu tal-penali li skond l-istess avviz minn Eur 3965 giet ridotta ghal 10% u cioè Eur 396.50 ... liema bank draft kien gie mghoddi lin-Nutar Robert Micallef biex jghaddih lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni*[16].

Il-Qorti ma taqbilx ma' l-affermazzjoni tar-Rikorrent li *penali wahda f'xi kont minnhom zgur hija superfluwa u mahruga erronejament.*

A tenur ta' l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli anke fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, *meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-prezz jew dak li jkollu jinghata bi hlas jew valur ghal immobbli kif dikjarat f'kuntratt ta' trasferiment jew f'dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis maghmula skond l-artikolu 33, ikun inqas minn hamsa u tmein fil-mija tal-valur reali jew ta' dak li jkollu jinghata bi hlas kif stabbilit mill-Kummissarju, jkun inqas minn dak li jkollu jinghata bi hlas li jirrizulta lill-Kummissarju li jkun fil-fatt thallas ma' l-att, jew meta dikjarazzjoni li kellha issir skond l-artikolu 33 ma tkunx saret, huwa ghandu jghaddi biex jiddeciedi b'ordni bil-miktub l-ammont ta' taxxa dovuta fuq id-differenza bejn il-valur jew dak li jkollu jinghata bi hlas dikjarat fil-kuntratt u l-valur jew dak li jkollu jinghata bi hlas ghall-immobbli kif stabbilit jew kif jirrizulta lill-Kummissarju li jkun attwalment thallas jew it-taxxa li kellha tithallas fuq dikjarazzjoni, skond il-kaz, u ghandu jaghmel stima skond il-kaz* – ma hemmx dubju li t-taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ghandha tithallas mill-persuna li tircievi t-trasferiment. Is-subartikolu (4) tal-Kap. 52 tal-Ligijiet

---

[12] Dok. "IP" a fol. 63 u 64 tal-process.
[13] Fol. 13 u 14 tal-process.
[14] Fol. 8 tal-process.
[15] Sottolinear tal-Qorti.
[16] Rikors promotur, fol. 3 u 4 tal-process.

ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-proceduri odjerni, kien jipprovdi li *meta l-Kummissarju jkun stabbilixxa li l-valur ta' l-immobbli kif dikjarat fl-att ta' trasferiment jew f'dikjarazzjoni causa mortis ikun inqas minn hamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta' dak li jkollu jinghata bi hlas kif stabbilit fis-subartikolu (1) jew meta fil-fehma tal-Kummissarju l-kuntratt ta' trasferiment jew l-att ta' dikjarazzjoni maghmulin skond l-artikolu 33 ta' dan l-Att ma jkunux jirriflettu l-kondizzjonijiet veri tat-trasferiment, il-persuna li tittrasferixxi fi trasferiment inter vivos u l-persuna li tircievi t-trasferiment ghandhom ihallsu taxxa addizzjonali li tkun daqs l-ammont ta' taxxa stmata mill-Kummissarju kif imsemmi qabel: …* Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta car li fil-kazijiet kongruwi kemm min jircievi bi trasferiment kif ukoll min jittrasferixxi huma soggetti ghall-hlas tat-taxxa addizzjonali.

Fit-trasferiment li sehh in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion datat 27 ta' Mejju 2009, ir-Rikorrent flimkien ma' uliedu u Celeste Vassallo kienu **vendituri/*transferors*** tas-sehemhom mill-garage bin-Nru. 42, Triq Ghajn Razul, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, u r-Rikorrent flimkien ma' uliedu kienu **kompraturi/transferees** ta' l-arja fejn kellu in segwitu jinbena l-appartament li kien se jifforma parti mill-blokka ta' appartamenti li kellha tinbena fuq is-sit precedentement okkupat mill-garage bin-Nru.42 u mill-fond bin-Nru.44 fi Triq Ghajn Razul, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar. B'hekk una volta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasal ghall-konkluzzjoni li l-valuri dikjarati fil-kuntratt in kwistjoni ossia, kemm tal-garage trasferit a favur il-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili mir-Rikorrent u uliedu u Celeste Vassallo kif ukoll ta' l-arja trasferita mill-konjugi Azzopardi u Joseph sive Beppe Hili a favur ir-Rikorrent u uliedu, kienu inqas minn 85% tal-valur reali tal-proprjetà kif determinat minnu skond il-principji specifici li jirregolaw il-kuntratti ta' permuta, hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent *qua transferee* fejn intalab ihallas it-taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli flimkien mat-taxxa addizzjonali, ossia l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798, u hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa ohra fil-konfront tar-Rikorrent din id-darba *qua transferor* ghall-hlas tat-taxxa addizzjonali, ossia l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797.

Ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, l-ebda wahda mill-penali/taxxa addizzonali riflessi fil-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni ma hija superfluwa jew erroneja.

Raggunta din il-konkluzzjoni, il-Qorti trid taghmilha cara li ma hijiex qed jew se tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-istima tal-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-istess Kummissarju humiex eccessivi o meno u dana billi, kif ser jigi imfisser iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, tali determinazzjoni ma taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Una volta li *taxpayer* jircievi Likwidazzjoni ta' Taxxa huwa jista', a tenur ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, jressaq oggezzjoni minn tali Likwidazzjoni quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi zmien tletin gurnata min-notifika tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa. Il-Kummissarju wara li jikkonsidra tali oggezzjoni jista' jew jaccettaha u b'hekk jasal fi ftehim mat-*taxpayer* jew inkella jirrifjutaha. Kemm-il darba ma jintlahaq ebda ftehim u l-oggezzjoni tat-*taxpayer* tigi rifjutata, l-istess *taxpayer* ghandu, a tenur ta' l-Artikolu 58 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, dritt jappella mir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni. Huwa evidenti ghalhekk li kwalunkwe kontestazzjoni dwar l-eccessività tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandha ssir esklussivament quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u mhux quddiem il-Qrati Civili.

Kemm-il darba t-termini previsti fl-Artikolu 56(1) u l-Artikolu 58(1) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta jghaddu inutilment u t-*taxpayer* ma jressaqx kontestazzjoni kif hemm stipulat, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu ssir finali u konklussiva a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami Likwidazzjoni ta' Taxxa finali u konklussiva setghet tigi enforzata in forza tal-procedura prevista fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-Qorti Civili kompetenti skond il-valur tal-hlas pretiz, hekk kif appuntu gara fil-kaz in ezami in kwantu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li r-Rikorrent ma ressaq l-ebda kontestazzjoni kif previst fil-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta la mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV 111797 u lanqas mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798.

Ghalkemm il-Qorti tirribadixxi li ma hijiex il-*forum* kompetenti quddiem liema ghandhom jitressqu kontestazzjonijiet dwar il-eccessività tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, hija tista' u ghandha l-kompetenza w anke d-dover li qabel ma tghaddi biex tikkonferma l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront ta' *taxpayer,* tassigura ruhha li dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa, fil-kaz in ezami zewg Likwidazzjonijiet ta' Taxxa, hija finali u konklussiva **ai termini tal-Ligi**.

Kif appena osservat a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk, fost affarijiet ohra, ma ssirx oggezzjoni minn Likwidazzjoni ta' Taxxa entro it-terminu ta' tletin gurnata min-notifika ta' l-istess prefiss fil-Ligi, dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ssir finali u konklussiva. Fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li r-Rikorrent ma ressaq l-ebda oggezzjoni ghal ebda wahda mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu u jikkontendi ukoll li ma ircieva l-ebda hlas minghand ir-Rikorrent fir-rigward tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797[17]. Ir-

[17] Affidavit ta' Ivan Portelli a fol. 63 u 64 tal-process u Nota pprezentata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) a fol. 71 tal-process.

Rikorrent da parte tieghu jishaq li huwa inkariga lin-Nutar Robert Micallef biex jressaq oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798 u biex jghaddi l-hlas ridott tat-taxxa addizzjonali rizultanti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797 kif previst fl-istess Likwidazzjoni. In sostenn ta' dak minnu affermat ir-Rikorrent esebixxa ittra ta' oggezzjoni datata 17 ta' Dicembru 2009[18] kif ukoll kopja tal-Bank Draft datat 16 ta' Dicembru 2009 ghall-valur ta' €396.50 mahrug mill-HSBC Bank Malta p.l.c. a favur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni[19], b'konferma ta' rapprezentant ta' l-istess Bank li tali Bank Draft kien inhareg u in segwitu, senjatament fl-14 ta' Marzu 2012, ikkancellat peress li sa' dakinhar baqa' ma ssarrafx u rrizulta mitluf[20]. Apparte minn hekk ir-Rikorrent ressaq bhala xhud lin-Nutar Robert Micallef[21] illi fir-rigward xehed: *it-trasferiment mertu ta' l-avviz mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien fil-fatt permuta, fejn is-Sinjuri Azzopardi kienu bieghu proprjetà. Parti mill-hlas kellu jsir fi flus filwaqt li parti ohra kellha ssir bi proprjetà. Peress li l-kuntratt kien wiehed ta' permuta allura l-avvizi li nhargu mill-Kummisarju tat-Taxxi Interni kienu tnejn. Is-Sinjuri Azzopardi kienu iddecidew fil-fatt li jhallsu dak l-ammont li seta' jitnaqqas u kienu ghazlu li jhallsu s-somma ta' €396.50. Fil-fatt kienu gabuli bank draft ta' dan il-valur fis-17 ta' Dicembru 2009. Fir-rigward ta' l-avviz l-iehor li kien ghall-hlas tal-capital gains, però is-Sinjuri Azzopardi kienu oggezzjonaw. Jiena fil-fatt kont bghatt il-bank draft ghall-hlas kif ukoll il-letter of objection fir-rigward tal-capital gains, però ghal xi raguni dawn ma waslux ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Wiehed mill-avvizi li rcevew kien Doc. JA1 a fol. 8 tal-process. Id-dokument JA4 huwa fotokopja tal-bank draft li s-sinjuri Azzopardi kienu ghaddew lili. ... L-objection saret fir-rigward tal-kont tal-Kummissarju bir-referenza IV111798, allura c-cheque ta' €396.50 kien inhareg fir-rigward tal-kont l-iehor. Nikkonferma li d-dokument JA5 hija l-letter of objection li jiena kont bghatt fir-rigward tal-kont fuq capital gains. L-objection kienet datata 17 ta' Dicembru 2009, jekk ma ntbaghtitx dakinhar stess l-iktar l-iktar inbaghtet 'l ghada. Sussegwentement però wara xi zmien is-Sinjuri Azzopardi kienu regghu ircevew minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tal-kont li ma kienx thallas u kien hemm hekk meta regghu gew ikellmuni li irrealizzajna li din l-oggezzjoni ma waslitx.*

B'hekk fuq naha hemm ir-Rikorrent, bil-konferma bil-gurament tan-Nutar Robert Micallef, li jikkontendi li huwa baghat oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111798 u pagament ta' €396.50 a saldu ta' l-ammont pretiz bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797 u fuq in-naha l-ohra hemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jikkontendi li la rcieva l-oggezzjoni u lanqas ma rcieva l-pagament a saldu.

---

[18] Dok. "JA5" a fol. 22 tal-process.
[19] Dok. "JA4" a fol. 21 tal-process.
[20] Xhieda moghtija minn Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2012, fol. 59 u 60 tal-process u Dok. "AG1" u Dok. "AG2" a fol. 57 u 58 tal-process.
[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2011, fol. 46 u 47 tal-process.

Fir-rigward ta' tali sitwazzjoni ssir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Muscat et v. Commonwealth Educational Society Limited, Appell Civili Nru. 3/03** deciza fl-10 ta' Marzu 2004, dwar il-prova tal-konsenja ta' ittra mhux registrata, kif jidher li kienet l-ittra ta' oggezzjoni u l-bank draft mibghuta min-Nutar Robert Micallef fil-kaz in ezami in kwantu mkien ma ssemma li dawn intbaghtu bil-posta registrata, *fil-provi cirkostanzjali jew indizzjarji hemm il-'presumptio hominis vel facti', importanti ghall-Qrati, li proof of postage (u l-Qorti temmen li impostaha) is proof of delivery u allahares ma kienx hekk. L-appellant xehed bil-gurament li l-ittra kien debitament impustaha, u ghalhekk il-Qorti ghandha, b'sens komun, temmen li waslet fid-destinazzjoni taghha – Joseph Borg et noe v. Joseph A. Bartolo, App, Sede Inferjuri per Imh. M. Caruana Curran, 25 ta' Gunju 1980.*

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami, fejn in-Nutar Robert Micallef ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa imposta l-ittra ta' oggezzjoni tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111798 u l-bank draft a saldu tas-somma pretiza fil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta jew kontrastata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, japplika l-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza appena citata u cioè li *proof of postage is proof of delivery*.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, ladarba ghandu jitqies li l-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798 ippreparata w impustata min-Nutar Robert Micallef effettivament waslet ghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u dana entro t-terminu ta' tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa, isegwi li dik l-oggezzjoni kellha tigi ikkunsidrata u debitament ipprocessata mill-Kummissarju tat-Taxxi u fin-nuqqas li jsir hekk ma jistax jitqies li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798 hija finali u konklussiva a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jghaddi biex jesegwixxi l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent izda ghandu l-ewwel jittratta u jikkonsidra l-oggezzjoni tar-Rikorrent ai termini tal-Ligi biex b'hekk l-istess Rikorrent ikollu disponsibbli ghalih, f'kaz li l-oggezzjoni ma tigix milqugha jew ma jintlahaqx ftehim bejniethom, il-mezzi kollha previsti fil-Ligi ghall-kontestazzjoni ta' dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa.

B'hekk il-kontestazzjoni tar-Rikorrent ghall-interpellazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' €7,930.00 avvanzata bl-Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Frar 2011 bin-Nurmu 599/11 hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

Is-sitwazzjoni hi kemm kemm differenti fir-rigward tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797 in kwantu f'dan il-kaz ir-Rikorrent qatt ma ressaq oggezzjoni minn dik l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa u ghalhekk il-

provvedimenti ta' l-Artikoli 56 u 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx ghaliha. Detto ciò u ghalkemm dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa strettament ghandha titqies bhala finali u konklussiva, il-Qorti tqis li jkun gust fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz li r-Rikorrent jinghata l-beneficcju tar-riduzzjoni previst u kontemplat fl-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa stante li l-pagament sehh jew ahjar kien intiz li jsehh ftit jiem wara s-16 ta' Dicembru 2009, id-data tal-hrug tal-Bank Draft ghall-valur ta' €396.50. Ghaldaqstant ir-Rikorrent ghandu ai termini ta' l-iskeda formanti parti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. 111797, jhallas bhala taxxa addizzjonali s-somma ridotta ta' €396.50. Konsegwentement ghalhekk il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni avvanzata fil-konfront tar-Rikorrent bl-Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Frar 2011 bin-Numru 600/11 ghandha tigi ridotta minn €3,965.00 ghal €396.50.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-kontestazzjoni tar-Rikorrent fir-rigward tal-pretensjoni avvanzata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Frar 2011 bin-Numru 599/11 u tiddikjara tali pretensjoni infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111798 ma hijiex finali u konklussiva ai termini ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tilqa' in parte l-kontestazzjoni tar-Rikorrent fir-rigward tal-pretensjoni avvanzata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Frar 2011 bin-Numru 600/11 u tirriduci l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni nascenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV111797 minn €3,965.00 ghal €396.50, b'dana li huwa dan l-ammont ta' €396.50 li huwa dovut mir-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez giudizzjarji taghha.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**